REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 329/2009

tat-22 ta' April 2009

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 dwar statistiċi għall-medda qasira ta' żmien fir-rigward tal-aġġornament tal-listi ta' varjabbli, il-frekwenza tal-ġbir tal-istatistiċi u l-livelli ta' analiżi u aggregazzjoni li trid tkun applikata lill-varjabbli

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 dwar l-istatistika għall-medda qasira ta' żmien [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17, punti (b), (d) u (e) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1165/98 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja għall-medda qasira ta' żmien dwar iċ-ċiklu tal-kummerċ. L-għan ta' dawn l-istatistiċi kien modifikat mir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jwaqqaf klassifikazzjoni tal-statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tal-NACE, it-tieni reviżjoni [2].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 tat-28 ta' Settembru 2006 li jimplimenta u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 dwar l-istatistika għall-medda qasira ta' żmien fir-rigward tad-definizzjonijiet tal-varjabbli, il-lista tal-varjabbli u l-frekwenza tal-ġbir tad-dejta [3] pprovdew definizzjonijiet tal-varjabbli.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1158/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1165/98 [4] introduċa studju ta' prattikabilità dwar is-sigħat maħduma u l-pagi u s-salarji gross fil-kummerċ bl-imnut u servizzi oħra.

(4) Għall-fini tal-politika monetarja tal-Komunità, l-istatistiċi tal-kummerċ għall-medda qasira ta' żmien għandhom ikunu żviluppati aktar, speċjalment dwar servizzi. Huwa għalhekk neċessarju li r-Regolament (KE) Nru 1165/98 ikun aġġornat f'oqsma ta' importanza partikolari għall-istudju taċ-ċiklu tal-kummerċ.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1165/98 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' Statistika, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom [5],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu waħdieni

L-Annessi C u D tar-Regolament (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 huma emendati kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1.
[2] ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.
[3] ĠU L 281, 12.10.2006, p. 15.
[4] ĠU L 191, 22.7.2005, p. 1.
[5] ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

ANNESS

1. L-Anness C tar-Regolament (KE) Nru 1165/98 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt (c) (Lista ta' Varjabbli), il-paragrafu 1, il-varjabbli li jmiss iddaħħlu fit-tabella:

"220	Sigħat maħduma
230	Il-pagi u s-salarji gross"

(b) Fil-punt (d) (Il-forma), il-paragrafu 2 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. 2. Il-varjabbli tal-valur tal-bejgħ (Nru 120), il-varjabbli tal-volum tal-bejgħ (Nru 123) u l-varjabbli tas-sigħat maħduma (Nru 220) għandhom ukoll jiġu trażmessi f'forma aġġustata ta' ġurnata ta' xogħol. It-trażmissjoni tal-varjabbli tas-sigħat maħduma (Nru 220) f'forma aġġustata ta' ġurnata ta' xogħol hija rikjesta mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015 'l quddiem. Kull fejn varjabbli oħra juru effetti ta' ġranet ta' xogħol, l-Istati Membri jistgħu wkoll jittrażmettu dawk il-varjabbli f'forma aġġustata ta' ġurnata ta' xogħol. Il-lista ta' varjabbli li trid tkun trażmessa f'forma aġġuustata ta' ġurnata ta' xogħol tista' tkun emendata skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18."

(a) Fil-punt (e) (Perjodu ta' Referenza), il-varjabbli li ġejjin iddaħħlu fit-tabella:

"220	kwart
230	kwart"

(d) Fil-punt (f) (Il-Livell ta' dettall), il-paragrafu 1 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-varjabbli tal-valur tal-bejgħ (Nru 120) u n-nuqqas fil-bejgħ/fil-volum tal-bejgħ (Nru 330/123) għandhom ikunu trażmessi skont il-livelli ta' detall imfissra fil-paragrafi 2 u 3. Il-varjabbli tan-numru ta' persuni impjegati (Nru 210) għandu jkun trażmess skont il-livell ta' dettall imfisser fil-paragrafu 4. Il-varjabbli tas-sigħat maħduma (Nru 220) u l-varjabbli tal-pagi u s-salarji gross (Nru 230) għandhom ikunu trażmessi skont it-Taqsima 47 tar-Rev 2 tal-NACE."

(e) Fil-punt (g) (L-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-dejta'), il-paragrafu 3 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Il-varjabbli tan-numru ta' persuni impjegati (Nru 210) għandu jkun trażmess fi żmien xahrejn wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza. Id-data ta' skadenza tista' tkun sa 15-il jum itwal għal dawk l-Istati Membri li l-volum ta' bejgħ tagħhom fid-Diviżjoni 47 tar-Rev 2 tal-NACE f'sena ta' bażi stipulata jirrappreżenta inqas minn 3 % tat-total tal-Komunità Ewropea. Il-varjabbli tas-sigħat maħduma (Nru 220) u l-varjabbli tal-pagi u s-salarji gross (Nru 230) għandhom ikunu trażmessi fi żmien tliet xhur mit-tmien tal-perjodu ta' referenza."

(f) Fil-punt (i) (L-ewwel sena ta' referenza), qed jiżdied is-sotto-paragrafu li ġej:

"L-ewwel perjodu ta' referenza għall-varjabbli tas-sigħat maħduma (Nru 220) u l-varjabbli tal-pagi u s-salarji gross (Nru 230) mhux aktar tard mill-ewwel kwart tal-2010 b'effet mill-introduzzjoni tas-sena bażi 2010 fl-2013"

2. L-Anness D tar-Regolament (KE) Nru 1165/98 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt (c) (Lista ta' varjabbli), il-paragrafu 1, il-varjabbli li jmiss iddaħħlu fit-tabella:

"220	Sigħat maħduma
230	Il-pagi u s-salarji gross"

(b) Fil-punt (d) (Il-forma), il-paragrafu 2, qed jiżdied is-sotto-paragrafu li ġej:

"Il-varjabbli tas-sigħat maħduma (Nru 220) għandu jibda jkun trażmess f'forma aġġustata ta' ġurnata ta' xogħol mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015."

(b) Fil-punt (d) (Il-forma), il-paragrafu 2, qed jiżdied is-sotto-paragrafu li ġej:

"Il-varjabbli tas-sigħat maħduma (Nru 220) u l-varjabbli tal-pagi u s-salarji gross (Nru 230) għandhom ikunu trażmessi skont il-gruppi li ġejjin tar-Rev 2 tal-NACE

— Diviżjonijiet 45 u 46

— Taqsimiet H, I u J;

— it-total ta' (69, 70.2, 71, 73 u 74);

— it-total ta' (78, 79, 80, 81.2 u 82)."

(a) Fil-punt (g) ('Iż-żmien tal-għeluq għat-trażmissjoni tad-dejta'), il-varjabbli li ġejjin iddaħħlu fit-tabella:

"220	3 xhur
230	3 xhur"

(e) Fil-punt (i) (L-ewwel perjodu ta' referenza), qed jiżdied is-sotto-paragrafu li ġej:

"L-ewwel perjodu ta' referenza għall-varjabbli tas-sigħat maħduma (Nru 220) u l-varjabbli tal-pagi u s-salarji gross (Nru 230) mhux aktar tard mill-ewwel kwart tal-2010 b'effet mill-introduzzjoni tas-sena bażi 2010 fl-2013."